*id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 huma biss indikazzjoni ta' dak li għandu jikkunsidra t-Tribunal meta jasal sabiex jistabbilixxi l-ammont tal-kumpens dovut lill-impjegat li jkun tkeċċa b'mod inġust – it-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu ma ta l-ebda ħjiel ta' dak li ġie kkunsidrat minnu meta wasal għaċ-ċifra ta' €15,000 rappreżentanti l-kumpens dovut lir-rikorrent – il-motivazzjoni sservi sabiex il-partijiet jifhmu aħjar dak li wassal lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu mingħajr ħafna konġetturi dwar dak li seta' kien l-intendiment tiegħu, iżda tipprovdi wkoll l-possibilità ta' appell lil kull parti li ma tħossiex sodisfatta b'dik id-deċiżjoni dwar il-ħlas li għandu jsir, u dan sakemm tottempora ruħha mad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 43/2023 LM

**Fahmi Bouzayen (K.I. nru. 212117(A))**
*('ir-rikorrent')*

***vs.***

**Mare Blu Tuna Farm Limited (C 20565)**
*('l-intimata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Mare Blu Tuna Farm Limited (C 20565)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà intimata'] mid-deċiżjoni

[minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’] fis-27 ta’ Marzu, 2023, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru. 4059/JHP deċiżjoni nru. 2900, fejn iddeċieda li t-tkeċċija tar-rikorrent **Fahmi Bouzayen (K.I. nru. 212117(A))** [minn issa ’l quddiem ‘ir-rikorrent’] mill-impjieg mas-soċjetà intimata kienet waħda nġusta u mhux skont il-liġi, u b’hekk ordna li l-imsemmija soċjetà intimata għandha tħallas lir-rikorrent is-somma ta’ ħmistax-il elf Euro (€15,000) fi żmien xahar mid-deċiżjoni appellata.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw l-impjieg *full-time* indefinit tar-rikorrent mas-soċjetà ntimata fil-kariga ta’ *commercial diver*. Fl-10 ta’ April, 2021 huwa weġġa’ waqt li kien qiegħed jaqdi dmirijietu, b’mod li llum baqa’ jbati minn debilità permanenti. Għalhekk, permezz ta’ ittra uffiċjali tad-19 ta’ Ottubru, 2021 nru. 4503/2021 huwa nterpella lis-soċjetà ntimata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta’ danni riżultanti. Fil-frattemp, hekk kif kien qed jistenna sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni tiegħu min-naħa tas-soċjetà intimata għall-ħruġ ta’ permess għax-xogħol hawn Malta, fis-17 ta’ Marzu, 2022 waqt laqgħa li kellu fl-uffiċċju tagħha huwa ġie mgħarraf li filfatt l-imsemmija applikazzjoni ma kinitx ġiet ippreżentata għaliex huwa kien ser jipproċedi kontriha. Huwa allegatament intalab sabiex jirtira l-pretensjonijiet tiegħu għall-ħlas ta’ danni, altrimenti l-kuntratt tiegħu tax-xogħol kien ser jiġi mitmum. Is-soċjetà intimata tterminat l-impjieg tiegħu erbat ijiem qabel ma skada l-permess uniku tiegħu, jiġifieri fil-21 ta’ Marzu, 2022 fejn ir-raġuni li ngħatat

kienet *"Circumstances beyond employer's control. Expiry of Employment Licence".*

**Mertu**

3. Ir-rikorrent għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fit-12 ta' April, 2022 permezz ta' rikors fil-konfront tas-soċjetà ntimata, fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

1. *Jiddikjara illi l-l-impjieg tal-esponenti ġie mitmum inġustament u mhux għal raġuni tajba u suffiċenti ai termini tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *Jagħti dawk l-ordnijiet kollha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi tal-każ;*
3. *Jordna, okkorrendo, lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti kumpens f'somma meqjusa xierqa u adegwata fiċ-ċirkostanzi;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata."*

4. Is-soċjetà intimata wieġbet billi ppreżentat ir-risposta tagħha fl-24 ta' Mejju, 2022, fejn iddikjarat li t-talbiet tar-rikorrent kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt, u kellhom jiġu miċħuda għal dawk ir-raġunijiet li tgħaddi sabiex tispjega fl-imsemmija risposta.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

***"(7) Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:***

*It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderrazzjonijiet tiegħu għamel dawn il-mistoqsijiet:*

*(a) X'kien l-inċident primarju li minnhu bdiet it-triq li wasslet għat-tkeċċija?*

*(b) X'kien barra minn loku li r-rikorrent jagħmel talba għal kumpens wara l-aċċident li kellu fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijietu, fejn safa imweġġa' u kellu riperkussjonijiet?*

*(c) X'kienet ir-raġuni veru li b'xi mod jew ieħor l-applikazzjoni għall-kontinwazzjoni fl-impjieg tar-rikorrent ma kienetx inkluża ma applikazzjonijiet simili ta' ħames impjegati oħra?*

*(d) X'gagħal lis-soċjetà intimata, li fil-każ tal-applikazzjoni għal permess tax-xogħol tar-rikorrent, baqgħet tittrattjeni sal-punt tad-data tal-iskadenza sabiex tiġi mgħoddija u li peress li il-pagament ma kienx imħallas, ir-rikorrent spiċċa mingħajr permess ta' residenza, u b'riżultat ta' dan anke ġie meqjus bħal persuna li qegħda Malta illegalment?*

*(e) X'kienet ir-raġuni li s-soċjetà intimata sostniet mar-rikorrent sabiex iwaqqaf it-talba tiegħu għal kumpens għad-danni li kien sofra?*

*(f) L-irrekordjar ta' diskussjoni, mingħajr permess tal-uffiċjali tas-soċjetà intimata, huwa meqjus bħal ksur ta' liġi, jew xi regolament stipulat fil-kuntratt tax-xogħol tal-impjegati, li jista' jwassal għal dixxiplina?*

*(g) Il-kliem li ġie irrekordjat kien veritier u jekk fil-pożittiv, dan kien ipoġġi fi żvantaġġ il-posizzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti?*

*(h) Jekk l-irrekordjar tad-diskussjoni qiegħed jissejjaħ* "entrapment" *minn naħa tas-soċjetà intimata, ġie ppruvat li dan intuża sabiex jagħmel ħsara diretta jew indiretta lis-soċjetà intimata?*

*(i) Il-kliem li intqal mid-direttur/uffiċjal sabiex is-soċjetà intimata tilħaq l-iskop tagħha, jista' jiġi mitqies bħal "rikatt" meta hemm l-impjieg tar-rikorrent fin-nofs/ Dik l-hekk imsejjħa (Hobson's choice).*

*(j) Veru li r-raguni li wasslet għal waqfien immedjat mill-impieg tar-rikorrent, veru kien* "Circumstances beyond Employer's control; Cancellation/Suspension of employment licence?"

*It-Tribunal wara dawn il-mistoqsijiet, ikkunsidra u jesiġi li huwa d-dover tiegħu li jikseb kemm jista' ikun evidenza rilevanti għall-każ b'kull mezz possibbli, sabiex ikun jista' jasal għal deċiżjoni ġusta.*

*It-Tribunal innota ukoll li ir-rikorrent kien ħaddiem bieżel u responsabbli "Commercial Diver", li qatt ma ġie mogħti xi forma ta' dixxiplina, lanqas twissija, waqt perijodu tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata. (kważi tlett snin)*

*Jidher ċar li l-azzjoni tal-irrekordjar tad-diskussjoni, minn naħa tar-rikorrent ma kienetx magħmula b'makkakerija minn xi bniedem manipulativ, iżda*

*kienet aktar ġejja minn persuna fi stat konfuż ta' bniedem vulnerabbli (barrani b'mara tqila, possibilità li jitlef ix-xogħol, kif ukoll li jitlef il-permess li jibqa' jgħix f'Malta), dan minħabba aċċident li huwa żgur ma xtaqux. Fis-sitwazzjoni li kien fiha ma ġietx ikkaġunata minn xi nuqqas ta' doveri fuq il-post tax-xogħol, ir-rikorrent għamel minn kollox sabiex jipproteġi ruħu minn kull misinterpretazzjoni ta' dak li kien għaddej minnu. Ir-rikorrent ma fassalx xi pjan b'xi apparat moħbi minn qabel l-uffiċċju tas-soċjetà intimata, u għamel użu mir-*recordings *ma' terzi sabiex jagħmel ħsara lis-soċjetà intimata għal xi skop ulterjuri. It-Tribunal qies l-għemil tar-rikorrent f'kuntratt bejn* "The highly manipulative and the confused and vulnerable". *(Rif) Samantha Mustard vs Jamie Flower).*

*Minbarra dan it-Tribunal Industrijali sab li kien rari ħafna li r-rekordjar bil-moħbi* (covert recordings) *f'sitwazzjonijiet simili ġew indikati bħal* "gross misconduct" *u li twassal għal tkeċċija mill-impieg. EAT (H H judge Richards para 78). Huwa l-istess kuntratt tax-xogħol tar-rikorrent li jirreferi għal* gross misconduct *fejn tidħol* "Breach of confidentiality" *li bil-fatt tal-irrekordjar ma nkissret l-ebda kunfidenzjalità. Kull ma seħħ kien, li fir-riskju li r-rikorrent kien ser jitlef l-impjieg uża mezz sabiex jipprova li ż-żamma tal-applikazzjoni kienet marbuta mat-talba għad-drittijiet tiegħu.*

*It-Tribunali Industrijali (Appell) iqis* "gross misconduct" *meta tkun saret xi azzjoni minn impjegat/a mingħajr l-ebda raġuni proprja, u li jkun aġixxa b'mod ikkalkulat sabiex jagħmel l-aktar ħsara possibbli fir-relazzjoni ta' fiduċja u kunfidenzjalità bejnu u s-soċjetà.*

*Għalhekk ir-raġuni tat-tkeċċija fuq il-bażi li tilfet il-fiduċja tagħha fir-rikorrent u li għaldaqstant wasslet lis-soċjetà initmata tagħti, **dak li fil-kamp tax-xogħol jitqies bħala l-piena kapitali jiġifieri tkeċċija**, bl-ebda mod ma tinkwadra fil-prinċipju tal-proporzjonalità, mal-pern ta' kif bdiet din il-kwistjoni.*

*Dan it-Tribunal ma setax jikkunsidra l-aħħar argumenti tas-soċjetà intimata fejn minn naħa riedet timplika li r-rikorrent kien qiegħed jaħdem illegalment u min-naħa l-oħra l-istess soċjetà tispjega s-sitwazzjoni ta' baħri fuq **il-*****crew list** *hija waħda legali, filwaqt li din kienet l-unika alternattiva għar-rikorrenti sabiex jista' jaqla' l-għixien tiegħu. Dan wara li safa mingħajr permess ta' residenza f'Malta li rriżulta li il-mara tiegħu kellha tmur lura lejn pajjiżha twelled u tibqa' tgħix hemmhekk.*

*It-Tribunal Industrijali ma setgħax jifhem u jaċċetta kif minn aċċident fuq impjegat mas-soċjetà intimata, waqt il-qadi ta' dmirijietu, u ittra ufficjali biss,*

*ta' talba għal kumpens minħabba danni li sofra, is-soċjetà intimata tasal għal proċess ta' terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent mingħajr l-ebda twissija u anqas xi tip bażiku ta' proċess ta' dixxiplina.*

*It-Tribunal Industrijali għamel kuntrast ċar meta s-soċjetà intimata użat għodda leċita b'mod mhux f'postu, għax mill-provi ġie indikat li l-applikazzjoni għal permess tax-xogħol intużat sabiex ir-rikorrent jitpoġġa dahru mal-ħajt u ikollu jaċċetta li jċedi d-drittijiet li tagħtih il-liġi. Mill-banda l-oħra is-soċjetà intimata keċċiet lir-rikorrent għal raġuni speċifika, li hi kienet tilfet il-fiduċja fih għax hu kien irrekordja diskursata mingħajr ma nfurmhom. Din id-diskurata irrekordjata qatt u bl-ebda mod ma ntużat kontra s-soċjetà u rriżultat f'xi ħsara għas-soċjetà, filwaqt li ir-rikorrent bit-twaqqif tal-applikazzjoni għall-permess kif mitlub mil-liġi, ġie immedjatament imwaqqaf mill-impjieg għalhekk ma setax la jirrisjedi u lanqas jaħdem f'Malta."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà ntimata ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fl-10 ta' April, 2023 fejn qiegħda titlob għat-tħassir u r-revoka tad-deċiżjoni appellata, filwaqt li jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet tagħha u jiġu miċħuda t-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż, u dan għar-raġunijiet li hija tfisser fl-imsemmi rikors. Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li t-Tribunal ma offra l-ebda motivazzjoni għal kif wasal għall-ammont ta' €15,000, u naqas milli jindika dwar liema perijodu din kienet dovuta.

7. Ir-rikorrent wieġeb fl-14 ta' Ġunju, 2023, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tas-soċjetà intimata, bl-ispejjeż a karigu tagħha. Flimkien mat-tweġiba tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta appell inċidentali fejn qiegħed jitlob sabiex il-Qorti filwaqt li tikkonferma dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal sab li t-tkeċċija tiegħu ma kinitx waħda ġusta u skont il-liġi, tbiddel dik il-parti tal-imsemmija deċiżjoni appellata fejn is-soċjetà ntimata ġiet ikkundannata tħallas lilu s-somma ta' €15,000, u minflok iżżid is-somma għal

€28,338.52, jew somma ogħla li tirrifletti l-ispejjeż mediċi nkorsi ġewwa it-Tuneżija, fejn eventwalment welldet il-mara tiegħu wara d-data tat-tkeċċija mill-impjieg tiegħu u anki s-salarju mitluf matul ħdax-il xahar li huwa dam ma jaħdimx. Kontestwalment mat-tweġiba tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta wkoll rikors ħalli din il-Qorti tawtorizzah jesebixxi diversi dokumenti sabiex jissostanzja l-pretensjoni tiegħu għall-ħlas tal-imsemmija spejjeż mediċi. It-talba tiegħu ntlaqgħet minn din il-Qorti permezz tad-digriet tagħha mogħti waqt l-udjenza tat-13 ta' Ottobru, 2023, u d-dokumenti ġew esebiti flimkien ma' nota waqt l-imsemmija udjenza.[1]

8. Is-soċjetà intimata wieġbet għall-appell inċidentali fit-28 ta' Lulju, 2023 fejn sostniet li talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontrih. Filwaqt li rrilevat li kuntrarjament għal dak iddikjarat mir-rikorrent fl-appell inċidentali tiegħu, huwa kien beda jaħdem mill-ewwel ma' kumpannija terza, u in sostenn ta' dan ippreżentat *still* mill-*website* magħrufa bħala '*LinkedIn*'.[2]

9. Fit-18 ta' Awwissu, 2023 ir-rikorrent ippreżenta rikors quddiem din il-Qorti fejn talab għall-isfilz tal-i*still* ippreżentat mis-soċjetà intimata flimkien mat-tweġiba tagħha. Il-Qorti permezz tad-digriet tagħha tal-20 ta' Settembru, 2023 ċaħdet it-talba tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju li qiegħda tressaq is-soċjetà intimata, li tikkontendi li t-Tribunal ma ta l-ebda motivazzjoni fir-rigward

[1] *A fol.* 36.
[2] *A fol.* 22.

ta' kif wasal għaċ-ċifra ta' €15,000 li huwa ddeċieda li hija għandha tħallas lir-rikorrent, u dwar il-perijodu rilevanti għall-fini tal-kalkolu ta' din is-somma. Tirrileva li t-Tribunal, filwaqt li għamel riferiment għax-xhieda u anki għat-trattazzjoni finali tal-partijiet, u filwaqt li għamel diversi konsiderazzjonijiet, naqas li jagħti l-motivazzjoni tiegħu u/jew spjegazzjoni ta' kif wasal għaċ-ċifra msemmija, kif jirrikjedi l-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452. Tikkontendi li ma kienx ġie muri kemm ir-rikorrent dam mingħajr xogħol, u din il-kwistjoni ma ġietx ikkunsidrata mit-Tribunal. Hawnhekk hija tagħmel riferiment għall-kontro-eżami tar-rikorrent li sar waqt l-udjenza tad-19 ta' Settembru, 2022, u tissottometti li jirriżulta biċ-ċar li r-rikorrent kien beda jaħdem saħansitra xahar wara li ntemm l-impjieg tiegħu magħha, u forsi anki qabel. Tgħid li madankollu t-Tribunal naqas milli jikkunsidra dan il-fatt kif kien tenut li jagħmel *ai termini* tal-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452. Barra minn hekk, tgħid li mhux ċar jekk iċ-ċifra stabbilita mit-Tribunal kinitx waħda li tirrappreżenta kumpens sempliċi għal tkeċċija nġusta, jew għal perijodu li fih r-rikorrent ma ħadimx, jew għat-tnejn. Is-soċjetà intimata tagħmel diversi mistoqsijiet dwar kif sar il-kalkolu tas-somma stabbilita mit-Tribunal fil-każ li din tirrappreżenta d-danni għall-perijodu li fih ir-rikorrent ma ħadimx, iżda tissottometti li dan kollu kien juri kemm tassew id-deċiżjoni appellata mhijiex skont il-liġi għaliex ma kellhiex għalfejn hija stess tfittex għall-motivazzjoni. Issostni li magħdud ma' dan kollu, ir-rikorrent ma kien ressaq l-ebda prova dwar danni reali li huwa allegatament kien sofra. Tgħid li għalhekk ma kien hemm l-ebda bażi għal-likwidazzjoni tal-kumpens.

11. Min-naħa tiegħu r-rikorrent jissottometti li din il-Qorti hawnhekk għandha tagħmel diversi konsiderazzjonijiet, u jsemmi l-fatt li huwa barrani u

għandu mara tqila, u anki li qatt ma kien ingħata twissija qabel ma ntemm l-impjieg tiegħu. Jirrileva li dak li jipprovdi għalih il-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452 huma biss indikaturi għat-Tribunal, u li dan għandu d-diskrezzjoni li jistabbilixxi l-*quantum* tal-kumpens. Filwaqt li jiċċita dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Peter Spiteri *vs.* Xuereb Glass Co. Ltd**, ir-rikorrent jitlob sabiex l-appell tas-soċjetà ntimata jiġi miċħud.

12. Il-Qorti tqis li s-soċjetà intimata għandha raġun. Filwaqt li taċċetta s-sottomissjoni tar-rikorrent li d-dispożizzjonijiet tal-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452 huma biss indikazzjoni ta' dak li għandu jikkunsidra t-Tribunal meta jasal sabiex jistabbilixxi l-ammont tal-kumpens dovut lill-impjegat li jkun tkeċċa b'mod inġust, tgħid li l-imsemmi Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu ma ta l-ebda ħjiel ta' dak li ġie kkunsidrat minnu meta wasal għaċ-ċifra ta' €15,000 rappreżentanti l-kumpens dovut lir-rikorrent. Tikkunsidra li l-motivazzjoni sservi sabiex il-partijiet jifhmu aħjar dak li wassal lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu mingħajr ħafna konġetturi dwar dak li seta' kien l-intendiment tiegħu, iżda tipprovdi wkoll l-possibilità ta' appell lil kull parti li ma tħossiex sodisfatta b'dik id-deċiżjoni dwar il-ħlas li għandu jsir, u dan sakemm tottempora ruħha mad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

13. Rigward l-appell inċidentali tiegħu, ir-rikorrent filwaqt li spjega kif huwa kellu dħul ta' madwar €2,500 netti kull xahar mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata, qal l-impjieg tiegħu kien ġie tterminat mal-iskadenza tal-permess ta' residenza tiegħu, billi s-soċjetà ntimata naqset li tħallas l-applikazzjoni relattiva. Jgħid li dan wassal sabiex huwa ma kellux għażla oħra għajr li jmur lura lejn it-

Tuneżija flimkien ma' martu li kienet ser ikollha tarbija proprju fl-4 ta' Novembru, 2022. Jirrileva li riżultat tat-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, martu tilfet il-benefiċċju li tagħmel użu mis-servizz tas-saħħa mingħajr ħlas f'Malta, u meta xehdet, ix-xhieda tagħha ma kinitx ġiet ikkontestata mis-soċjetà intimata. Spjega kif minflok huwa u martu sussegwentement inkorrew diversi spejjeż mediċi fit-Tuneżija ammontanti għal madwar €838.52, għaliex huwa ma kienx qiegħed iħallas taxxa hemmhekk. Ir-rikorrent irrileva kif fit-23 ta' Jannar, 2023 huwa kien ġie lura Malta wara li kien applika u kiseb *visa* ġdida għall-perijodu bejn it-30 ta' Novembru, 2022 u l-15 ta' Marzu, 2023. Jgħid li fit-23 ta' Frar, 2023 kien ukoll inħariġlu l-permess ta' residenza validu għal żmien sena, u għalhekk huwa kien ilu mill-21 ta' Marzu, 2022 mingħajr permess ta' residenza. B'hekk it-Tribunal kien tenut jikkunsidra t-telf tiegħu kollu fix-xhur tal-perijodu in kwistjoni, jiġifieri telf li jwassal għas-somma ta' €27,500 jew €2,500 kull xahar minn ħdax-il xahar. Huwa jammetti li ma kien hemm l-ebda motivazzjoni fid-deċiżjoni appellata dwar l-ammont ta' kumpens stabbilit, iżda jgħid li d-danni sofferti minnu kienu tassew iktar mis-somma ffissata mit-Tribunal.

14. Is-soċjetà intimata twieġeb li kienet proprju l-għażla tar-rikorrent li jmur lura lejn it-Tuneżija għat-twelid tat-tarbija tiegħu, u dan għaliex dak iż-żmien huwa kien qiegħed jaħdem f'Malta kif kien ser jiġi muri. Għal dak li jirrigwarda t-tieni parti tal-'kontro-talba tiegħu', tissottometti li hawnhekk ir-rikorrent kien kawt billi semma biss 'permess ta' residenza', għaliex filfatt huwa stess ammetta li kien qed jaħdem, u hawnhekk tagħmel riferiment għall-kontro-eżami tiegħu. Hija tirrileva li huwa kien beda jaħdem mill-ewwel mas-soċjetà MFF Ltd, kif jirriżulta mill-i*still* li hija kienet qiegħda tippreżenta flimkien mat-tweġiba

tagħha, u għalhekk dan kollu jixhed fuq l-integrità tar-rikorrent, u li filfatt huwa kien qiegħed jittenta jipprofitta ruħu.

15. Il-Qorti tikkunsidra li appell minn deċiżjoni tat-Tribunal dwar tkeċċija inġusta jista' jsir biss *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, jiġifieri b'mod limitat għal punt ta' liġi. Iżda l-appell inċidentali tar-rikorrent ma jqajjem l-ebda punt ta' liġi, u minflok ir-rikorrent qiegħed iressaq aggravji li jolqtu biss il-mertu, u proprju li l-kumpens għad-danni sofferti minnu kif likwidati mit-Tribunal ma jirriflettiex ukoll l-ispejjeż mediċi nkorsi ġewwa it-Tuneżija għat-twelid tat-tarbija tiegħu u ta' martu, u s-salarju li jikkontendi li huwa tilef matul il-ħdax-il xahar li allegatament kien baqa' bla xogħol. Għaldaqstant il-Qorti tikkunsidra li għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell inċidentali tar-rikorrent.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-appell tas-soċjetà ntimata limitatament billi tilqa' l-aggravju tagħha, iżda tordna li jintbagħtu l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jagħti motivazzjoni xierqa ta' kif wasal għall-ammont ta' kumpens likwidat minnu, tiddikjara rritu u null l-appell inċidentali tar-rikorrent u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell tas-soċjetà intimata u dawk tal-appell inċidentali għandhom ikunu a karigu tar-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**